MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 129/2000/1

**Montaldo Insurance Services Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Mario Vella Petroni**

**Vs**

**Mario Grima**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine s-somma komplessiva ta' tliet mija u sebgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm347.59), in linea ta' danni – mill-konvenut kagunati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f'Hope Street, Mosta fit-13 ta' April 1999 meta il-konvenut kien qed isuq il-vettura

Nru. LCA – 251 baqa diehel gol-vettura Nru. STF – 111 proprjeta’ ta’ Mario Vella Petroni pero misjuqa minn Stephanie Vella Petroni li kienet qed iddur ma’ traffic island – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Dicembru 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentant mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mis-6 ta’ Dicembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi l-eccipjent ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fl-aviz li gara unikament b’tort u htija ta’ Stephanie Vella Petroni minnhabba imprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Stephanie Vella Petroni, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku u ghad-danni pretizi mis-socjeta’ attrici u d-domandi tas-socjeta’ attrici ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni oltre li rat in-noti ta’ referenzi tal-partijiet (fol 65 u fol 66 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-lokalita’ tal-incident in esami, jidher mill-iskizz sottomess minn PC 1582 Mario Spiteri (fol 33 sa fol 39 tal-istess atti) illi dan gara f’Triq l-Isperanza fil-Mosta, bit-Triq principali, ossija Triq il-Kostituzzjoni, “…. Tinsab fuq in-naha ta’ wara tal-iskecc’ u b’hekk mhix murija fuqu.

F'din il-parti tat-triq u ghat-traffiku li jidhol fiha minn Triq il-Kostituzzjoni fuq il-lemin tinsab 'traffic island', kif muri fuq l-istess skizz. Ta' minn jinnota li hawhekk, l-iskizz jidher inesatt fis-sens li ma hemmx sinjal ta' stop' kif indikat fuq l-skizz izda, filfatt, hemm sinjal bi vlegga liema sinjal, pero', ma jidhirx li kien rilevanti ghal dan il-kaz. Jigi notat li wara l-karozza misjuqa mill-konvenut jinsabu 'brake marks' mnizzlin fuq l-iskizz bi skala ta' centrimetru ghal kull metru.

Ikkunsidrat

Illi, dwar id-dinamika ta' dan l-incident jidher li s-sewwieqa involuta ssottomettew versjoni, wahda konfliggenti mal-ohra. Difatti Stephaenie Vella Petroni (fol 54 et seq ibid) u li kienet qed issuq il-karozza bin-numru STF111, sostniet li kienet ghadha kif dahlet f'Triq l-Isperanza "… u kont qed ndur mat-traffic island murija fuq l-iskecc sabiex naghmel 'U turn' '…..Hi semmiet li hi waqfet max-xifer tal-istess 'traffic island' wara li xeghlet l-'indicator' sabiex tara li ma kienx gej traffiku minn quddiemha mid-direzzjoni opposta. Wara li, ulterjorment, accertat ruhha li ma kienux gejjin karozzi minn warajha, hi bdiet iddur lejn il-lemin mal-istess traffic island 'island' izda, hemmhekk hi semghet hoss ta' 'brejk kbir' u hasset li ntlaqtet fuq in-naha ta' wara tal-karozza misjuqa minnha. Hi ssottolineat li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm karozzi parkeggati "….. u trid iddur sew mas-'centrestirp' (ossija l-imsemmija 'traffic island". Difatti hi xehedet illi meta kienet wieqfa sabiex tesplora t-triq quddiemha hi kienet "ghad-dritt' u bdiet iddur, wara li skadew ftit sekondi minghajr '… ma ksirt lejn ix-xellug tieghi' qabel ma bdiet tesegwixxi l-manuvra desritta lejn il-lemin. Da parti tal-konvenut (fol 58 et seq ibid) kif ukoll tax-xhieda prodotti minnu u li kienu mieghu bhala passiggieri meta gara dan l-incident ossija Tracy Mayor (fol 60 u fol 61 ibid) u Shaun Cachia (fol 62 u fol 63 ibid). In rigward id-dinamika tal-istess incident, il-konvenut spjega li dar minn Triq il-Kostituzzjoni u dahal f'Triq l-Isperanza u hemm kien ra quddiemu,il-karozza misjuqa minn Stephanie Vella Petroni. Hawnhekk, hu testwalment qal "Din daret lejn il-bankina (fuq ix-xellug) u waqfet hemmhekk". Minhabba hekk, hu haseb (….. l-

impressjoni li hadt…..’) li l-karozza l-ohra kienet ser tigi pparkjata . Pero kif kien ser jghaddiha (‘Kif wasalt maghha….’) il-karozza l-ohra “… harget mal-ewwel u kif harget xeghelet l-indicator” ….. “din xeghlet l-indicator wara li harget minn mal-bankina” u ghalhekk saret il-habta. Dwar l-istess incident, il-konvenut cahad li kien qed jsuq b’velocita qawwija (‘… kont ghaddej bil-mod hafna’) Inoltre b’referenza ghall-iskizz maghmul mill-Pulizija (fol 35 ibid) hu qabel mal-pposizzoni tal-vetturi u mal-‘brakemarks’ kif hemm murija izda , in rigward il-hsarat fuq il-vettura tal-assikurat, hu sostna li dan ‘… kienu aktar lejn in-nofs’. Fl-ahhar nett, hu ssottometta li meta kien ra l-manuvra li kienet qed tigi esegwita minn Stephanie Vella Petroni, hu ‘….. ma kontx bizzejjed il-boghod minnha sabiex anke jekk naghfas il-‘brake’, stajt nieqaf …” waqt li jigi notat illi, fl-ahhar parti tal-kontroesami hu qal “Nerga nghid li l-indicator inxteghel wara li hbatna mentri kif di gja riportat, hu ma kienx xehed hekk izda kien qal “…. Kif harget (minn mal-bankina) xeghelet l-indicator”. In rigward z-zewg xhieda l-ohra, dawn pressapoco, irrepetew l-istess versjoni u l-impressjoni fondata ta’ din il-Qorti, waqt li dawn kienu qed jixhdu, kienet illi dan iz-zewg xhieda kienu gew ‘preparati’ sabiex jixhdu, kif effettivament xehedu.

Ikkunsidrat

Illi mill-analisi tal-provi kif esposti waqt li jerga’ jinghad li din il-Qorti ghandha s-suspett fondat illi dak li xehdu l-konvenut u z-zewg xhieda prodotti minnu ma hux kredibbli minhabba certa inkonsistenza di gja notata dwar meta gie mixghul l-‘indicator’ minn Stephanie Vella Petroni u minhabba certa ripetizzjoni ta’ kliem u frasijiet fix-xhieda taghhom li tindika kif di gja inghad, certa ‘preparazzjoni’ u dwar kif ghandhom jixhdu quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk il-Qorti hi konvinta li l-konvenut, ma kienx qed jsuq b’dak il-grad ta’ attenzjoni u kawtela rikjesti minnu specjalment in rigward it-traffiku li kien hemm quddiemu. Minhabba hekk, u dan abbonat ma certu

velocita', aktar milli suppost, fil-lokalita' fejn gara dan il-kaz, ir-responsabbilta ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-istess konvenut  Da parti tal-attrici, u dak li xehdet, l-istess Qorti tinsab konvinta illi din hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex tindika illi kienet ser tesegwixxi 'U turn' madwar l-imsemmija 'traffic island' minghajr ma tat x'tindika li filfatt kienet ser tipparkegga l-karozza taghha, kif allegaw l-konvenut u x-xhieda prodotti minnu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-'quantum' pretiz,dan jinsab dokumentat b'mod sodisfacjenti a fol 42 sa fol 49 tal-atti u ma ingiebet ebda prova in kontestazzjoni tal-istess ammont.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont komplessiv ta' danni, fis-somma ta' Lm347.59,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm 347.59,0 bl-imghax legali mis-6 ta' Dicembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 1999 u tas-7 ta' Frar 2000, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------